

# Il-Kav. it-Tabib JOSEPH SALIBA Ph.C., M.D., K.St.J.

## Ex-Membru Parlamentari
## Ex-President tal-Każin tal-Banda Prince of Wales Own

Emanuel Busuttil-Dougall

Joseph, Raphael, Carmelo Saliba twieled fi-Triq il-Papa Alessandru VII il-Birgu għad-dell tal-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata fit-2 ta' Settembru 1926 u mgħammed jumejn wara fl-4 ta' Settembru fil-Parroċċa tal-Birgu. Missieru kien Ġużeppi Saliba u Ommu kienet Karmena Zammit, waqt li l-parriniet kienu z-zijiet ta' Ommu, Duminku u Ġużeppa Zammit.



Meta għamel il-Preċett fl-1932

Joseph Saliba kien l-ewwel fost erba' aħwa, warajh fil-31 ta' Jannar 1935 twieled Carmelo li miet ftit wara. Fit-19 ta' Jannar 1936 twieldet Marija Rozaria, illum Suor Rosanna O.P. Ir-raba' wild kienet Laura fl-4 ta' Novembru 1937, armla ta' Reno Borg.

Il familja Saliba kienet attiva f'dak kollu li kellu x'jaqsam mal-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata, dak kollu li kien Dumnikan u l-Każin Prince of Wales Own. Missieru Ġużeppi barra li kien attiv fit-Teatrin, kien ukoll jagħmel il-Pasturi u ħafna affarijiet oħra artistiċi. Niftakar f'nofs is-sittinijiet lill-Ġużeppi Saliba fis-Sala Dumnikana taħt il-Kunvent fuq il-palk jaħdem id-dramm *"iż-Żewġ Surġenti"* miktub minn nannu tiegħi Ġużeppi Sebastianu Dougall. Gużeppi kien ħassu ħażin fejn minnufiħ ingħalqet il-purtiera u ntemm ħesrem dan id-dramm. Immedjatament ġie ibnu t-Tabib fejn ħadu lill-Ġużeppi d-dar fejn kien miet ftit ġranet wara. Inċidentalment jiena kont wieħed mill-abbatini li



Joseph Saliba meta kien Tifel


Il-Familja Saliba fl-1956 mix-xellug: Karmena (Ommu), Marija (il-Mara), it-Tabib, Laura (Oħtu), Ġużeppi (Missieru) u bilqiegħda Marija Rosarja (Oħtu) bit-tfal tat-Tabib, Joseph u Mario

akkumpanjawh saċ-Ċimiterju.

Il-Familja Zammit ma kinitx tagħmel għajb lill-familja Saliba f'dak kollu li kien Dumnikan. Ommu Karmena kienet ħajjata per eċċelenti, allura kienet tagħti daqqa t'id sew speċjalment fil-Knisja, mhux fil-ħjata biss imma f'dak kollu li kien ikun hemm bżonn.

Hut Karmena kienu kollha attivi. Huma kellhom ħanut taħt il-Kunvent il-qadim fejn kienu jaħdmu l-għamara tal-qasab. L-aktar li kien attiv fosthom kien Ġużeppi Zammit magħruf bħala "iż-Żużu" li kien kif jgħid il-Malti, jagħmel b'idejh dak li jaraw għajnejh. Iż-Żużu kien attur u kittieb tajjeb ħafna, kien ukoll disinjatur, pittur, statwarju u restawratur mill-aqwa.

B'dawn iż-żewġ familji inklinati daqsekk f'din l-arti, ma setax jonqos li Joseph Saliba ma jkunx inklinat għal Arti wkoll. Huwa beda minn ċkunitu iħażżeż xi disinn u jgħaffeġ fit-tafal, kif ukoll jitla jagħmel xi parti żgħira fuq il-palk. Dawn l-affarijiet kollha kibru miegħu u sawruh f'artist ta' ħila kbira f'dik li hi Arti bħall-iskultura, pittura, maġija, folklor Malti u kollezzjonist tal-antikitajiet.

Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Birgu u bejn l-1937-42 fil-Liceo, u bejn l-1942-50 fl-Università ta' Malta. Fl-1946 iggradwa bħala Spiżjar (Ph.C.) u fl-1950 ħa l-Lawrja ta' Tabib (M.D.).



Iżżewweġ lil Maria Pisani mill-Isla, fis-16 ta' Awwissu 1952 fil-Bażilka Dumnikana tal-Portu Salvu u San Duminku tal-Belt Valleta fejn kien żewwiġhom il-Wisq Rev. Provinċjal il-Profs. P. Edmond Klimecck O. P., Ph.D., fi żmien li kien Kappillan P. Ġjaċint Darmanin O.P. Ix-xhieda kienu l-Profs. Joseph Salvatore Vella M.D ta' 48 sena li kien joqgħod il-Belt u l-Profs. Joseph Victor Zammit Maempel M.D. ta' 39 sena li kien joqgħod tas-Sliema. Wara kien sar riċeviment fis-Sala tal-Każin Prince of Wales Own tal-Birgu. Huma kellhom erbat itfal ilkoll miżżewġin. Joe, Mario, Monica u Marco, tmien neputijiet Ritienne, Jodie, Andrew, Matthew, Luke, Mark, Lothar u Thomas, kif ukoll il-proneputija Courtney.

It-Tabib Saliba kien Aġent Uffiċjali Mediku Residenti l-Isptar San Luqa, Uffiċjal Mediku tal-Insurance f'Għawdex u wara D.M.O. għal bosta snin fil-Birgu. Kien lecturer fl-Iskola tad-Difiża Civili.



Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu li saret nhar il-Ħadd, 7 ta' Frar 1954 fl-10.00 a.m. fis-Sala tal-Każin tal-istess Għaqda ġie maħtur bħala l-President il-ġdid. Hu kien nominat mis-Sur Emanuel (Lelinu) Vella u sekondat mis-Sur Duminku Galea. Huwa baqa jokkupa din il-kariga ta' President għal 43 sena sħaħ meta kien irriżenja f'Mejju ta' 1997, fejn ġejt maħtur jien bħala President minnfloku, wara li kont illi nokkupa l-kariga ta' Segretarju għal bosta snin. Matul dan il-perjodu t-Tabib Saliba wettaq diversi xogħlijiet li kien hemm fil-Kumitat, kif ukoll fl-istruttura tal-Każin, bħal pittura, skultura, disinji u ħafna xogħol ieħor li għadna ngawduħ sal-lum.

F'1997 il-Kunsill tal-Birgu taħt it-treġija tas-Sindku J. C. Azzopardi kien ta' ĠIEĦ IL-BIRGU lit-Tabib Joseph Saliba għal ħidma tiegħu fil-qasam tal-voluntarjat u l-aktar biex iġib paċi bejn l-Għaqdiet Mużikali tal-Birgu.



Kien ukoll għal bosta snin minn età żgħira fis-St. John Ambulance Brigade, fejn kien laħaq Kummissarju. Ta' din il-ħidma voluntarja r-Reġina Elizabetta II kienet onoratu bl-unur ta' Kavallier tal-Ordni Venerabbli ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.

Dr. Saliba dam għal ħafna snin jokkupa l-kariga ta' President Onorarju taż-żewġ Każini tal-Banda f'Ħaż-Żabbar, San Mikiel u Mariia Mater Gratiae.

It-Tabib Saliba kien delettant kbir tal-maġija, huwa kien jagħmel ħafna maġija għal karita mingħajr ħlas. Huwa kien juża l-isem ta' KONFUCIUS, fejn kien jilbes ta' Ċiniż bil-gejxa kemm hu kif ukoll bintu Monica li kienet tassistieh.



Hu ħadem bħala tabib l-aktar fost in-nies tal-Kottonera. Fil-fatt kien l-ambjent li f'dawk iż-żminijiet kienu jgħixu fiħ dawn in-nies li ħajru biex jidħol fil-politika bit-tama li jkun jista' jsemma' leħinhom fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Kien ħareġ għall-politika billi kkontesta l-elezzjonijiet ġenerali mal-Partit tal-Ħaddiema Nsara fl-1962, iżda ma telax.

Wara li bagħat għalih il-Perit Dom Mintoff, li dak iż-żmien kien Prim Ministru, huwa aċċetta li fl-1976 jikkontesta f'isem il-Partit

Laburista fuq it-Tieni Distrett Elettorali u ġie elett f'elezzjoni każwali biex jimtela l-post tal-Avukat Joe Brincat li tela' fuq żewġ distretti.



Fl-Elezzjoni Ġenerali ta' wara, dik tal-1981, it-Tabib Saliba ħareġ fuq it-tieni distrett u reġa' tela' f'elezzjoni każwali li saret biex jimtela l-post li tbattal mill-Perit Mintoff li tela' minn fuq żewġ distretti.

Dr Saliba mhux biss kien attiv fil-politika fejn serva u rrappreżenta lin-nies tal-Kottonera fil-Kamra tar-Rappreżentanti bħala Deputat Parlamentari Laburista, u serva wkoll bħala Viċi Chairman tal-Kumitat tal-Kamra tal-Parlament kif ukoll bħala Chairman tal-Kummissjoni ta' Edukazzjoni Għolja, flimkien ma' diversi karigi oħra.



Wara, hu kien ikkontesta l-elezzjonijiet tal-1987 u l-1992 iżda fl-ebda waħda minnhom ma kien ġie elett. B'hekk, huwa rtira mix-xena politika.

F'dan ir-ritratt it-Tabib Saliba jidher jitkellem mal-Arċisqof Monsinjur Pawl Cremona O. P. fil-Festa ta' Missierna San Duminku tas-sena l-oħra fejn qed jitolbu ritratt tiegħu ħalli jkun jista' jpittru biex jitpoġġa fis-Sala tal-Kunvent. Din kienet l-aħħar festa għalih u l-pittura ma laħaqx għamila. F'din l-aħħar Festa tiegħu t-Tabib deher kuntent ħafna u tgħidx kemm iċċajta ma' kulħadd, donnu qalbu ħebritu li din hi l-aħħar Festa li se jgawdi.

Kien nhar l-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2010, li wara marda qasira, tħabbret il-mewt tat-Tabib Joseph Saliba. Il-ħidma li għamel tul ħajtu t-Tabib Saliba u r-rispett li kellu minn ħafna nies, deher fil-funeral tiegħu fil-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata fil-Birgu fejn kienet mimlija daqs bajda bin-nies li attendew għall-Quddiesa presente cadavere.

Fost dawk li attendew għall-funeral, barra l-qraba tiegħu, kien hemm il-Kap tal-Oppożizzjoni Joseph Muscat flimkien mad-Deputati u ex-Deputati Laburisti, il-President Lauro Abela flimkien mal-Kumitat u l-Membri tal-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own, il-Kumitat tal-Festi Esterni San Duminku, l-Membri tal-Għaqda Żgħażagħ Dumnikani, is-Sindku tal-Birgu John Boxall ma' diversi Sindki oħrajn, Membri u l-Kavallieri tas-St. John Ambulance Brigade, Presidenti u Membri tal-Għaqdiet Mużikali ta' San Lawrenz tal-Birgu, San Mikiel u Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar u bosta Għaqdiet oħra li kien affiljat fihom t-tabib Saliba.





Il-Quddiesa tmexxiet mill-Pirjol Patri Frank Borg, O.P., il-Komunità Dumnikana u l-Kapitlu tal-Parroċċa tal-Birgu flimkien ma Saċerdoti oħra ħbieb tal-familja Saliba. Wara li ntemmet il-Quddiesa sar korteo fejn it-tebut inġarr mill-Knisja sa tarf il-pont ta' Triq Boffa akkumpanjat fuq quddiem bl-istandardi tal-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own, tal-Festi Esterni San Duminku u taż-Żgħażagħ Dumnikani tal-Birgu, flimkien mal-President, il-Kumitati u l-Membri tal-istess Għaqdiet. Warajhom imxew P. Frangisk Galea O.P., Fra Xmun Cachia O.P. u l-abbatini fejn warajhom kien hemm it-tebut li kien merfugħ minn neputijiet tiegħu, fejn eżatt wara kien hemm żewġ membri tas-St. John Ambulance Brigade li żammew id-dekorazzjonijiet flimkien mal-uniformi li kellu t-Tabib Saliba. Warajhom imxew il-familjari, l-istandard, il-Membri u l-Kavallieri tas-St. John Ambulance Brigade, l-istandardi, il-Presidenti, il-Kumitati u l-Membri taż-żewġ Għaqdiet Mużikali ta' Ħaż-Żabbar, Maria Mater Gratiae u San Mikiel, flimkien ma' ħafna ħbieb u l-poplu tal-Birgu. Meta t-tebut wasal quddiem il-Każin Prince of Wales Own dan iddawwar għal qima u bħala ringrazzjament tal-ħidma tiegħu, fosthom 43 sena President.

Il-Kav. it-Tabib Joseph Saliba, se jibqa' jissemma għall-umiltà u l-karattru ċajtier tiegħu u x-xogħol li wettaq fil-volontarjat. **GRAZZI DOTT**. Nisperaw li qiegħed kuntent fil-ġenna tgawdi lill **Patrijarka Missierna SAN DUMINKU** li int dejjem ħabbejt.

**Referenzi:**


Arkivji tal-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu
Arkivji tal-Parroċċa San Lawrenz tal-Birgu
Arkivji tal-Parroċċa tal-Porto Salvu u San Duminku tal-Belt Valletta
Programmi tal-Festi Solenni San Duminku tal-Birgu
Ritratti tal-Familja tat-Tabib Joseph Saliba
Arkivji u ritratti personali tal-awtur



# Chetwyn Confectionery

**Prop: Joseph Mizzi**

*Ħobż • Pastizzi • Ħelu • Minerali*
*Ġelati • Minerali*

**14, Triq il-Mina l-Kbira, il-Birgu**